MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2591/2000/1

**Aldo Sciberras**

**vs**

**Anthony Abela u Maltapost p.l.c ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fil-11 ta' Marzu waqt li huwa kien qed isuq il-vettura Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni LAA 168 propjeta' tas-socjeta' konvenuta f'Xemxija Road, San Pawl il-Bahar safa' involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura Range

Rover bin-numru ta’ registrazzjoni GAD 515 li kienet misjuqa mill-konvenut Abela; u

Illi l-incident awtomobilistiku sehh waqt il-hin tax-xoghol tal-attur u matul il-qadi tad-doveri tieghu; u

Illi fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu li b’ konsegwenza taghhom tilef xoghol u sofra debilita’ permanenti kif jirrizulta mill-anness certifikat (Dok A); u

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli l-konvenut stante imprudenza, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex: -

Tiddikjara lill-konvenut, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta’ Marzu 1999 f’San Pawl il-Bahar, f’liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-istess incident, konsistenti f*’ damnum emergens u lucrum cessans,* okkorrendo permezz tal-opera ta’ periti nominandi;

Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 30 ta’ Ottubru 2000, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Maltapost plc fejn gie eccepit :-

Preliminarjament illi s-socjeta eccipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur, stante li bl-ebda mod ma kienet involuta fl-incident tat-traffiku mertu tal-kawza odjerna, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, illi l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta eccipjenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li bl-ebda mod l-eccipjenti ma hija responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni naxxenti mill-istess;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta Maltapost debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Abela fejn gie eccepit illi it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien jahti unikament Aldo Sciberras, li kien qed isuq il-vettura LAA 168 proprjeta' tas-socjeta' konventa Maltapost p.l.c. b'imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjes;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Anthony Abela debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' April 2001 li bih It-Tabib Mr. Charles Grixti gie nominat bhala espert mediku biex jesamina lill-attur u jirrelata bil-miktub dwar kull dizabilita' permanenti li seta sofra l-istess attur bhala konsegwenza tal-incident in kwestjoni u bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert mediku debitament konfermat bil-gurament fil-kors ras-seduta tal-01 ta' Lulju 2002;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Novembru 2002 li bih gew nominati bhala esperti medici addizzjonali t-tobba Professur Victor Griffiths, Mr. Anthony Bernard u Mr. Carmel Sciberras bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-imsemmija esperti medici addizzjonali debitament konfermat bil-gurament;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u lill-konvenut u lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fil-11 ta' Marzu 1999 sehh incident stradali gewwa Xemxija Road, San Pawl il-Bahar. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isiuq il-vettura Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni LAA 168 propjeta' tas-socjeta' konvenuta u l-konvenut Abela li kien qed isuq vettura Range Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAD 515. L-attur kien nizel mid-direzzjoni tal-Mellieha sejjer lejn San Pawl il-Bahar u l-konvenut kien ukoll nizel mill-istss direzzjoni;

L-attur jippremetti li dan l-incident sehh fil-hin tax-xoghol waqt li huwa kien qed isuq il-vettura tas-servizz appartenenti lis-socjeta konvenuta. L-attur jippremetti ukoll li huwa sofra feriti u danni fuq il-persuna tieghu u

bhala konsegwenza tilef xoghol u sofra debilita' permanenti. L-attur jippretendi li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dawn id-danni kollha sofferti minnu. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu dikjarati unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni kollha relattivi konsistenti f'*damnum emergens u lucrum cessans* u li l-konvenuti jew min minnhom jigu kundannati ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata bhala danni;

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li m'hijiex il-legittimu kontradittur, stante li bl-ebda mod ma kienet involuta fl-incident tat-traffiku mertu tal-kawza odjerna u li bl-ebda mod l-eccipjenti ma hija responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni naxxenti mill-istess. Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta konvenuta tikkonferma li l-attur hu mpjegat maghha bhala postman;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li ghall-incident in kwestjoni kien jahti unikament l-attur. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-istess konvenut jispecifika li l-attur kien qed isuq b'velocita' esagerata u dan wassal sabiex l-istess attur jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu u b'hekk jahbat mieghu u dana waqt li l-attur kien qed jittanta jaghmel sorpass f'kurva;

L-attur ikkonferma li fil-gurnata u hin tal-incident de quo huwa kien qieghed xoghol bl-imsemmija vettura tas-socjeta konvenuta u kien qed jigbor il-posta minn varji kaxxi tal-posta. Huwa kien gabar il-posta mill-Mellieha u kien qed jirritorna fl-ufficju tal-posta li jinsab gewwa San Pawl il-Bahar.  Kif nizel in-nizla tax-Xemxija, nduna li kien hemm karozza pparkjata fuq in-naha tax-xellug tieghu.  Kif wasal hdejn din il-karozza, f'daqqa wahda, is-sewwieq ta' din l-istess karozza beda jghamel U-turn. Il-konvenut li kien is-sewwieq ta' din l-ahhar vettura qabad u qasam minghajr ma ta' ebda indikazzjoni li kien ser jghamel din il-manuvra. Ghalhekk l-attur ittanta jevita din il-vettura billi gibed lejn nofs it-triq, pero' xorta wahda il-vetturi habtu. Bid-daqqa l-vettura li kien qed isuq l-attur inqalbet u l-attur ittiehed l-isptar. Jirrizulta li l-attur ghamel xi zmien l-isptar;

Inoltre l-attur jghid li kien ghaddej b'velocita' normali u cioe' cirka erbghin (40) kilometru fis-siegha. L-atur ikkonferma li t-triq hi dritta fejn sehhet il-habta. L-attur jghid li l-ewwel darba li ra l-karozza wieqfa tal-konvenut, din kienet xi mitt (100) metru l'boqghod. L-attur ra l-karozza tal-konvenut, f'daqqa wahda, quddiemu. L-attur qal li sa fejn jaf hu l-brakes tal-vettura li kien qed isuq kienu jahdmu sew;

Da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li huwa kien sejjer fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u x'hin wasal fejn it-triq tigi ghad-dritt hass li l-karozza tieghi bdiet tigbdu lejn ix-xellug u ghalhekk huwa dawwar lejn il-lemin. Huwa hareg lejn il-lemin tieghu xi zewg metri u dak il-hin sehhet il-habta. Il-konvenut jghid li huwa sema brake u hares lura u ra l-karozza misjuqa mill-attur gejja ghall-fuq il-karozza tieghu. Dak il-hin il-van misjuq mill-attur kien maqtugh mir-rota ta' quddiem. Bid-daqqa l-karozza tal-konvenut giet thares lejn id-direzzjoni minn fejn kienet gejja. IL-konvenut jghid li d-daqqa fil-vettura tieghu kienet fuq in-naha tal-lemin fil-gemb minn-nofs ghall-wara, filwaqt li d-daqqa fuq il-karozza ta' l-attur kienet fuq in-naha tal-lemin fil-gemb taghha ta' quddiem. Il-konvenut cahad li huwa qatt kien wieqaf qabel il-habta. Il-konvenut ma setax jispjega ghaliex lis-Surgent kien qallu li hass il-karozza tieghu qed tigbdu lejn nofs it-triq, filwaqt li meta xehed qal li hass il-karozza l-ewwel tigbed lejn il-bahar u imbaghad huwa dawwar lejn nofs it-triq. Il-konvenut cahad li kien qed jghamel U-turn. Huwa qal li fil-hin li qala d-daqqa huwa kien xi ftit angolat u bid-daqqa l-karozza tieghu ddawret. Huwa kien angolat peress li hemm it-triq hi sfrondata u ghalhekk kellu jghamel il-manuvra biex hareg lejn nofs it-triq. Il-konvenut ikkonferma li qabel ma ghamel din il-manuvra huwa ma spezzjonax it-triq biex jara jekk kienx hemm karozzi gejjin minn warajh;

Jirrizulta zgur li wara l-habta l-vettura tal-attur spiccat fuq il-genb taghha filwaqt illi l-vettura tal-konvenut spiccat thares fid-direzzjoni tal-Mellieha. Ir-rizultanti hsarat li garbu l-vetturi b'din il-habta u l-iskizz sostanzjalment jikkonfermaw il-versjoni li joffri l-attur. Ghalhekk il-verzjoni tal-attur hi aktar verosimili u aktar kredibbli minn dik li

jghati l-konvenut. Jirrizulta mill-imsemmi skizz li l-vettura tal-attur hija angolata xi ftit lejn in-naha tal-lemin, u t-tyre marks li halliet l-istess vettura tal-attur jindikaw li l-attur kien miexi ghan-nofs fil-karreggjata tieghu. Jidher ukoll li l-attur, malli ra l-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut quddiemu, ttanta jevita l-habta. Jidher ukoll li fil-hin tal-impatt il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qed timblokka l-karreggjata tal-attur u kienet f'posizzjoni angolata. Ghalhekk wara l-habta l-vettura misjuqa mill-konvenut giet qed thares fid-direzzjoni tal-Mellieha cioe' minn fejn kien nizel l-istess konvenut;

Inoltre jirrizulta li hemm varjazzjoni bejn il-verzjoni tal-konvenut li ta' f'dawn il-proceduri u dak li qal l-istess konvenut lis-surgent li kien qed jinvestiga l-kollizzjoni. Il-konvenut jghid ukoll li huwa gibed lejn in-nofs tat-triq peress illi hemm it-triq hi sfrondata. Il-konvenut ikompli jghid li qabel ma ghamel din il-manuvra cioe' qabel ma gibed lejn in-naha tal-lemin tat-triq, hu ma harisx lura sabiex jara jekk kienx hemm xi vetturi gejjin minn warajh. Hawnhekk il-konvenut zgur mhux konfortat mill-hsarat li rrizultaw fil-vetturi in kwestjoni;

Barra minn hekk il-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu isemmi li l-attur kien qed isuq b'velocita' esagerata u dan wassal sabiex l-istess attur jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu. Isemmi ukoll li l-attur kien qed jittanta jaghmel sorpass f'kurva. Dawn il-fatti zgur li ma jirrizultawx u zgur li ma gewx pruvati;

In vista ta' dan kollu il-manuvra li jirrizulta li ttanta jghamel il-konvenut wasslet ghall-kollizzjoni in kwestjoni. Il-konvenut kien obbligat li qabel ma jghamel il-manuvra li ried jghamel huwa kellu jispezzjona sewwa t-triq biex jivverifika jekk kienx hemm traffiku gej minn warajh. Il-konvenut ma kellux jaqbad u jghamel din il-manuvra u kellu jara wkoll li ma jostakolax it-triq ghas-sewwieqa l-ohra li kienu gejjin minn warajh. Il-konvenut lanqas ma kien intitolat jghamel il-manuvra li ried jghamel stante li hemm linja bajda kontinwa li taqsam iz-zewg karreggjati. Inoltre ftit aktar il-quddiem hemm roundabout. Ghalhekk l-

attur facilment seta jsuq ftit iktar u jdur ma din ir-roundabout;

Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni u ghal konsekwenzjali danni sofferti mill-attur. Zgur li ma tirrizulta ebda responsabilita’, lanqas indiretta, minn naha tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta konvenuta ma kienet bl-ebda mod involuta fl-incident in kwestjoni u ghalhekk bl-ebda mod l-istess socjeta konvenuita ma hi responsabbli ghall-istess incident in kwistjoni u ghad-danni naxxenti mill-istess. Lanqas ma tirrizulta l-ebda kontributorjeta da parti tal-attur;

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni gie ghall-ewwel nominat bhala espert mediku t-Tabib Mr. Charles Grixti, li wara li kkonsidra dak kollu li hu rilevanti kkonkluda li d-dizabilita’ sofferta mill-attur bhala konsegwenza ta’ dan l-incident tammonta ghal tmienja fil-mija (8%). Sussegwentement, fuq it-talba tal-attur, gew nominati t-tobba Mr Carmel Sciberras, Mr Anthony Bernard u Professur Victor Griffiths li kkwantifikaw id-dizabilita’ permanenti tal-attur bhala li tammonta ghal tnax fil-mija (12%);

Jirrizulta li l-attur kellu sebgha u ghoxrin (27) sena meta sehh l-incident in kwestjoni. Ghalhekk il-multiplier ghandu ikun ta’ erba u tletin (34) u dana tenut kont li, fic-cirkostanzi tal-lum, jista jigi presunt li l-attur ser ighix sakhemm jottjeni l-eta’ tal-pensjoni cioe l-wiehed u sittin sena. Tenut kont ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ta’ kemm kien jaqla l-attur fiz-zmien li sehh l-incident u ta’ awmenti varji fil-futur l-ammont ta’ hamest elef liri maltin (Lm5000) ghandu ikun il-bazi ghar-rigward tal-introjtu annwali tal-attur. Minn l-ammont kollu, peress li ser isir pagamaent wiehed ghas-saldu, ghandu jitnaqqas l-ghaxra fil mija (10%). Ghalhekk l-ammont li qed jigi likwidat bhala lucrum cessans hu ta’ sbatax il-elf tlett mija u sittin liri maltin (Lm17360) u cioe’ Lm5000 x 34 = Lm170000 x 12% = Lm20400 – 10% = Lm17360. Ma jirrizultax li l-attur sofra xi danni ohra;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u b'hekk it-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-istess socjeta konvenuta qed jigu michuda, billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u konsegwentement billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet kollha attrici fil-konfront biss tal-konvenut u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Marzu 1999 f'San Pawl il-Bahar, f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess incident fis-somma ta' sbatax il-elf tlett mija u sittin liri maltin (Lm17360) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm17360 in linea ta' danni bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenut bl-eccezzjoni tal-ispejjez tas-socjeta konvenuta li ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------